MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 51/2002/1

**Malta Tourism Authority**

**Vs**

**Francis Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf erbgha mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm1,475), rapprezentanti arretrati ta’ kontribuzzjonijiet.

Ra li l-konvenut ghalkemm mill-atti jirrizulta li gie debitament notifikat, naqas milli tikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u milli jidher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Michael Grech in rapprezentanza tas-socjeta attrici jixhed bil-gurament.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf erbgha mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm1,475), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.
L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**